Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

Laqgħa numru 37

17:30 pm 21 ta' Mejju 2026

Preżenti

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Luke Farrugia** | **Sindku** |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi- Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

**Assenti**

Ħadd

**Uffiċċjal Preżenti**

Robert Buhagiar - Agent Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30pm).**

**37.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is- Sindku s-Sur Luke Farruġia nforma lill- membri li rċieva ittra ta' Apoloġija mis-Sinjur Joseph Scerri u s-Sur Dominic Spencer fuq xoghol tal-kunsill.

**Il-Kunsill approva l-apoloġiji.**

**37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 35 u 36, liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta’ posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

**37.2.1** Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 35 u 36
Il-Kunsillier Joseph Cachia ssekonda. Il-Minuti gew approvati unanimament.

**37.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.**

**37.3.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-item tal-komunikazzjoni ser jiġi diskuss aktar tard fuq l-aġenda.

**37.4 Mistoqsijiet mill-kunsilliera.**

**37.4.1** Il-Kunsillier is-Sur Joseph Cachia ppropona li nhar it-tnejn 1 ta’ Ġunju l-Kunsill ghandu jinżamm magħluq.
**37.4.2** L-Aġent Segretarju informa lill-Kunsill li d-Dipartiment bagħat korrispondenza li tgħid li l-uffiċini tal-Kunsilli Lokali għandhom jkunu magħluqin nhar is-Sibt 30 ta’ Mejju 2026 nhar il-jum tal-vottazjoni.
**37.4.3** Is-Sindku Sur Luke Farrugia qal li rridu niċċekjaw mad-Dipartiment fuq il-jum ta’ Tnejn.
**37.4.4** Il-Kunsillier Anthony Meilak qal li għandu lment fuq ħaxix ħazin fi Triq il-Pitkali.
**37.4.5** Il-Kunsilliera Gloria Aquilina semmiet ilment rigward Triq Zerafa fejn rubbish mhux dejjem qiegħed jinġabar. Il-kenniesa mhux qegħdin imorru anqas.

**37.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni skeda ta’pagament 05/2026**

Is-Sindku ppreżenta l-iskeda ta’ pagamenti bin-numru ta’ referenza 05/26 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**37.5.1** Wara mozzjoni mressqa mill-proponent, is-Sindku Luke Farrugia u sekonda IL-Kunsillier s-Sur Anthony Meilaq, l-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.

**37.6 Rapport Finanzjarju Annwali 2025 (Awditjat)**

**37.6.1** Permezz ta’ video call l-accountat tal-Kunsill is-Sur Lawrence Manicaro għamel presentation f’dettal rigward ir-rapport tal-awditjar li sar fuq Rapport finanzjarzju Annwali 2025 kif ukoll recomendation letter fejn dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

**37.7 Overtime-community worker**

**37.7.1** Is-Sindku ppropona li jingħata overtime lill-Community Worker. Huwa spjega li l-ħaddiema se tkun qed taħdem ħames sigħat addizzjonali fil-ġimgħa, kull nhar ta' Sibt. Is-Sindku qal li dan se jwassal għal servizz aħjar lir-residenti u jgħin biex jiġu ndirizzati kwalunkwe emerġenzi li jistgħu jinqalgħu.

L-ispiża stmata ta' din il-miżura hija ta' €2,000.

Is-Sindku ressaq il-proposta għall-approvazzjoni, li ġiet issekondata mill-Kunsillier Anthony Meilak. Il-Kunsill approva l-proposta b'mod unanimu.

**37.8 SPI.SCI.04.2026 - Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026)**

**37.8.1** Is-Sindku ppreżenta rapport dettaljat għall-approvazzjoni tal-Kunsill, fejn ippropona li jiġu rranġati l-vaski fil-Ġnien 6 ta' Awwissu. Huwa spjega li l-proġett jinkludi t-tħawwil ta' aktar siġar, xogħlijiet ta' titjib fil-ġnien, kif ukoll it-tiswija tal-ħajt tal-vaska, li jinsab f'qagħda ħażina u hemm riskju li jiġġarraf.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika għal din l-iskema ta' finanzjament. Il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsilliera Gloria Aquilina.

Il-Kunsill approva l-proposta b'mod unanimu.

**37.9 SPI.SCI.03.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026 (Data tal-għeluq il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026).**

**37.9.1** Is-Sindku ppropona għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-organizzazzjoni ta' attività għall-perjodu tal-Milied bl-isem "Milied li ma tarahx... tgħixu". Huwa spjega li din l-attività se ssir fil-Ġnien Belvedere u hija maħsuba għall-familji residenti fil-Marsa.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-baġit stmat għall-attività se jkun bejn €15,000 u €20,000, simili għal dak allokat fis-snin preċedenti. Huwa żied li l-kwotazzjonijiet kollha relatati ma' din l-attività se jitressqu quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni tagħhom qabel ma jsiru l-impenji meħtieġa.

Il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsilliera Gloria Aquilina, u l-Kunsill approvaha b'mod unanimu.

**37.10 SPI.SCI.05.2026 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026)**

37.10.1 Is-Sindku ppropona għall-approvazzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill japplika għal din l-iskema sabiex jitwettqu xogħlijiet ta' riġenerazzjoni fil-Ġnien Belvedere. Huwa spjega li l-proġett jinkludi sistema ġdida ta' tisqija tal-ilma kif ukoll diversi xogħlijiet ta' titjib u upgrading tal-ġnien.

Il-Kunsillier Anthony Meilak qal li hija inizjattiva pożittiva li l-ġnien jiġi rranġat, iżda enfasizza l-ħtieġa li jkun hemm pjan ta' manutenzjoni adegwat wara li jitlestew ix-xogħlijiet sabiex il-ġnien jinżamm fi stat tajjeb.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li, wara konsultazzjoni mal-perit, diġà hemm approvazzjoni sabiex fil-Ġnien Belvedere jiġu installati open-air gym, dog park u żona bil-bandli. Huwa spjega li permezz ta' din l-iskema se jiġu mwettqa x-xogħlijiet relatati mal-green area, filwaqt li l-faċilitajiet tal-open-air gym, dog park u l-bandli jiġu ffinanzjati permezz tal-fondi DPF.

Il-Kunsilliera Gloria Aquilina ssuġġeriet li jiġu indirizzati wkoll il-culverts tal-Ġnien Belvedere. Is-Sindku wieġeb li d-dokumentazzjoni u t-talbiet meħtieġa diġà ntbagħtu lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (Public Works Department).

Is-Sindku ressaq il-proposta għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-proġett jitwettaq b'mod komprensiv u koordinat, skont id-direzzjonijiet mogħtija mill-perit. Il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsilliera Gloria Aquilina u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

**37.11 SPI.SCI.06.2026 - Finanzjament - Karnival 2027 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 28 ta' Awissu 2026).**

37.11.1 Is-Sindku ppropona għall-approvazzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill japplika għal din l-iskema sabiex tiġi organizzata attività tal-Karnival għall-komunità. Huwa spjega li l-attività hija ppjanata li ssir fil-Mini Pitch u ppropona wkoll li ssir filgħodu.

Is-Sindku ressaq il-proposta għall-approvazzjoni. Il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Anthony Meilak.

Waqt id-diskussjoni, il-Kunsilliera Gloria Aquilina ssuġġeriet li kull Kunsillier jagħti s-sehem tiegħu fl-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-attività.

Il-Kunsill approva l-proposta b'mod unanimu.

**37.12 SPI/SCI/01/2026 Finanzjament-Attivitajiet Kulturali Annwali 2026-Kjarifika**

**37.12.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet intbagħtet email lill-Kunsilliera kollha dwar l-opportunità li l-Kunsill japplika għal din l-iskema sabiex tiġi organizzata attività kulturali.

Is-Sindku ta dettalji dwar l-attività proposta, li tikkonsisti f'dawra bit-train madwar siti ta' wirt storiku fil-Marsa. Huwa spjega li fl-attività se jieħdu sehem persuni b'għarfien tal-wirt storiku tal-Marsa, li se jipprovdu informazzjoni u tagħrif dwar il-postijiet storiċi li jkunu qed iżuru matul il-vjaġġ. Kull waqfa se tkun akkumpanjata minn spjegazzjoni dwar l-importanza storika tagħha.

L-attività hija ppjanata li tibda mit-Tram Station u tintemm qrib iċ-Ċimiterju Tork.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-baġit stmat tal-attività huwa ta' €23,000, filwaqt li l-iskema se tkopri sa €20,000 mill-ispejjeż. Huwa żied li l-kwotazzjonijiet kollha relatati mal-attività se jitressqu quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Anthony Meilak issekonda l-proposta, u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

**37.13 Tiswija ta' cameras madwar il-lokal.**

**37.13.1** Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill tliet quotations relatati mat-tiswija tas-sistema tal-cameras. Huwa informa lill-Kunsill li dawn kwotazzjonijiet kienu diġà ġew eżaminati u approvati mill-Bord tal-Finanzi.

Is-Sindku spjega li l-orħos offerta kienet tammonta għal €1,548 u rrakkomanda li tiġi aċċettata.

Il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Anthony Meilak, u l-Kunsill approvaha b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| CCTV IP Cameras Malta | €1,548.16 |
| Secure Vision | €2,302.16 |
| BF services | €1,902.16 |

**37.14 Attivita 24th July – Għana fest**

**37.14.1** Is-Sindku ppropona għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-organizazzjoni tal-attività Ghana Fest. Huwa ppreżenta baġit preliminari ta' €15,000 għall-organizazzjoni ta' din l-attività.

Is-Sindku spjega li l-attività hija ppjanata li ssir fi Triq Isouard u fi Triq Nerik Sacco. Huwa żied li baġit dettaljat, flimkien mal-kwotazzjonijiet relatati mal-attività, se jitressqu quddiem il-Kunsill fi stadju aktar tard għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tiegħu.

Il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Cachia, u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

**37.15 Exterminator Survey – Poltery Issues**

**37.15.1** Is-Sindku ppropona għall-approvazzjoni tal-Kunsill li jsir survey sabiex tiġi evalwata u indirizzata l-problema relatata mal-papri fil-lokalità.

Huwa nforma lill-Kunsill li l-ispiża ta' dan is-survey hija stmata għal €150.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li jsir dan is-survey.

**37.16 Oriental Hornets Bucket Traps**

**37.16.1** Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jixtri għaxar (10) buckets bi prezz ta' €45 kull wieħed.

Huwa talab lill-Kunsilliera sabiex jidentifikaw il-postijiet fejn dawn ser jiġu nstallati sabiex jiġi assigurat li jkunu mqiegħda fejn l-aktar huwa meħtieġ.

Il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Cachia, u l-Kunsill approvaha b'mod unanimu.

**37.17 Nestboxes for Marsa gardens- Bird Life Malta**

**37.17.1** Is-Sindku semma li kellu laqgħa ma' BirdLife Malta dwar l-installazzjoni ta' nest boxes għall-għasafar tal-bejt. Huwa spjega li l-Kunsill se jkun l-ewwel wieħed li jimplimenta dan il-proġett sabiex jiġi monitorjat il-proċess u l-ambjent tal-għasafar tal-bejt.

Is-Sindku informa li kull nest box tiswa €35 u se jinxtraw total ta' ħamsa (5). Dawn se jiġu installati fil-Ġnien Belvedere.

Il-Kunsill approva l-proposta b'mod unanimu.

**37.18 Unnamed Street next to Azzopardi Street-Fahhama Street**

**37.18.1** Is-Sindku ppropona li triq mingħajr isem tiġi msemmija "Triq il-Faħħama", fuq parir tal-Għaqda Storika Marsa.

Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsilliera Gloria Aquilina, u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

**37.19 Sleeping Police -Assunta Street**

37.19.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet waslet talba mir-residenti ta' Triq l-Assunta sabiex jiġu installati sleeping policemen.

Il-Kunsilliera Gloria Aquilina qajmet il-punt dwar jekk ir-residenti humiex konxji wkoll mill-istorbju li jiġi ġġenerat fiż-żona, u esprimiet il-fehma tagħha li mhux neċessarjament għandhom jiġu installati sleeping policemen, sabiex ma jinħolqux interventi li aktar 'il quddiem ikollhom jerġgħu jitneħħew.

Il-Kunsill qabel li jfittex parir mingħand Transport Malta qabel tittieħed deċiżjoni finali.

Wara li ġiet ivvotata l-mozzjoni, is-Sindku Luke Farrugia, il-Kunsillier Joseph Cachia u l-Kunsillier Anthony Meilak ivvutaw favur, filwaqt li l-Kunsilliera Gloria Aquilina astjeniet.

**37.20 Zebra crossing – Balbi street infront of school**

37.20.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet waslet talba minn residenti sabiex issir zebra crossing fi Triq Balbi, il-Marsa quddiem l-iskola.

Il-Kunsill qabel li għandu jintalab parir mingħand Transport Malta qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni.

Il-Kunsillier Anthony Meilak osserva li hemm zebra crossing oħra pendenti fi Triq il-Mollijiet. Il-Kunsilliera Gloria Aquilina semmiet ukoll li hemm każijiet oħra ta' zebra crossings li għadhom pendenti.

Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-perit sabiex jiġu diskussi l-każijiet pendenti kollha relatati ma' zebra crossings u jiġu evalwati b'mod koordinat.

**37.21 Proposal Regarding Refurbishment of football Ground**

**37.21.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand Marsa F.C. sabiex il-ground tagħhom jiġi rranġat permezz ta' fondi DPF, filwaqt li l-mini pitch jiġi rranġat min-naħa tal-klabb u jiġi żviluppat bħala pitch tal-padel.

Is-Sindku spjega li għandha ssir riċerka sabiex jiġi stabbilit b'mod ċar min hu s-sid tal-proprjetà tal-ground.

Il-Viċi Sindku, is-Sur Joseph Azzopardi, semma li l-Kunsill diġà għandu file relatat ma' dan il-ground.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku li ssir ir-riċerka meħtieġa.

**37.22 Open Airgym & Playground & Dogpark in Belveder Garden**

37.22.1 Din il-mozzjoni ġie diskuss taħt l-item 37.10.1.

**37.23 Korrispondenza**

**37.23.1** Is-Sindku informa lill-Kunsill li Transport Malta approvat ir-road markings quddiem il-Hub tal-Enemalta u li dawn il-bidliet għandhom jiġu implimentati mill-Kunsill.

Il-Kunsill approva l-proposta b'mod unanimu.

**37.23.2** Il-Kumitat tal-Festi Esterni Marija Regina għamel talba lill-Kunsill sabiex it-toqob li hemm fi Triq Azzopardi jiġu rilokati fuq il-bankina sabiex ma jostakolawx il-parkeġġ waqt iż-żmien tal-festa. Huma talbu wkoll li jsiru tmien (8) toqob ġodda għall-logħob tan-nar tal-art, kif ukoll jekk jistax jintuża l-van tal-Kunsill għall-armar.

Il-Kunsilliera Gloria Aquilina staqsiet min se jkun qed isuq il-van. Il-Viċi Sindku, is-Sur Josef Azzopardi, issuġġerixxa li jintlaħaq ftehim mal-Għaqda sabiex il-ħaddiem tal-Kunsill isuq il-van u l-Kunsill iħallas għas-servizz tal-ħaddiem.

Il-Kunsill approva l-proposta b'mod unanimu.

**37.23.3** Is-Sindku rrefera għal diskussjoni li saret fil-laqgħa preċedenti rigward l-attendenza tal-Kunsilliera. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab l-attendenza u l-apoloġiji ta' kull Kunsillier.

Is-Segretarju ppreżenta l-attendenza kollha mill-bidu ta' din il-leġiżlatura. Il-Viċi Sindku, is-Sur Josef Azzopardi, irrimarka u kjarifika li fl-aħħar laqgħa ntbagħtet apoloġija lis-Segretarju, u saħaq li xi drabi jkun hemm raġunijiet validi għal assenzi, sabiex ma tingħatax impressjoni li l-Kunsilliera jkunu qed jonqsu mingħajr raġuni.

**37.24 Aġġornament**

**37.24.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-18:48 u giet aġġornata għat-tlieta 23 ta' Ġunju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Robert Buhagiar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |